MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 842/2011

**Avukat Dr. Simon Cachia (I. D. Nru. 434281 (M)) bhala mandatarju specjali tal-assenti s-socjeta` A.G. Distribuzione S.r.l., socjeta` registrata Sqallija, l-Italja, ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**vs**

**Ancams Limited**
**(C – 19060)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-30 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine informa sintetikament lill-qorti bis-segwenti:

1. Illi fil-5 ta' Frar, 2009, it-Tribunal ta' Modica, Sqallija, kien iddekreta u kkundanna lis-socjeta`

ntimata Ancams Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti A.G. Distribuzione S.r.l. hawn rapprezentata mir-rikorrenti nomine s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u tmienja u sittin Ewro u dsatax –il centezmu, (€23,868.19), bl-imghaxijiet u taxxi relattivi hemm ukoll indikati, oltre l-ammont ta' sitt mija u tmenin Ewro, u hamsa u ghoxrin centezmu, (€680.25), spejjez ai termini tal-istess;

2. Illi l-oppozizzjoni ghall-istess sentenza da parte tas-socjeta` ntimata fuq indikata kienet ukoll giet michuda bl-ispejjez mill-istess Tribunal fuq indikat bid-digriet tieghu datat it-13 ta' Dicembru, 2010;

3. Illi c-certifikati relattivi rigwardanti l-gurisdizzjoni, rikonoxximent u nfurzar ta' sentenzi ta' natura civili u kummercjali gew debitament rilaxxati skont ir-regolamenti Ewropei appoziti;

4. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti tixtieq tezegwixxi d-decizjonijiet su riferit fil-gurisdizzjoni Maltija fejn is-socjeta` ntimata hi registrata u stante li ai terimini tar-regolament 41 tar-Regolamenti tal-Kunsill 44/2001 dawn ghandhom f'dan l-istadju unikament jigu dikjarati ezegwibbli mmedjatament wara t-twettieq tal-formalitajiet rikjesti;

Illi konsegwentement ir-rikorrenti nomine fuq indikat jitlob illi din il-qorti:

1. Tiddikjara d-decizjoni su riferita datata l-5 ta' Frar, 2009 u s-sentenza konsegwenzjali wkoll fuq riferita datata t-13 ta' Dicembru, 2010, huma ezegwibbli u enforzabbli fil-gurisdizzjoni Maltija;

2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz ukoll it-traduzzjoni taghhom;

Rat id-debita notifika tas-socjeta` ntimata datata t-3 ta' Frar, 2012, (ara fol 90);

Rat ir-Regolamenti tal-Kunsil 44/2001;

Ikkunsidrat:

Illi din hi semplici procedura ghall-esekuzzjoni ta’ digriet u sentenza moghtija minn qorti Taljana, dik ta’ Modica fi Sqallija, li hi effettivament qorti ta’ pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea;

Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Av. Hugh Peralta nomine vs ZET Limited** datata l-31 ta’ Jannar, 2011, tali procedura:

“ … ma ghandhiex tiehu sura ta’ kawza fis-sens generali tal-kelma. Darba li l-ewwel qorti … tkun perswaza li ghall-materja japplika l-imsemmi Regolament numru 44/2001 u mhux il-kaz ta’ decizjoni li ghaliha r-Regolament jeskludi l-applikazzjoni tieghu … hi trid tipprocedi li **tiddekreta t-talba wara semplici ezami tad-dokumenti esebiti, minghajr il-htiega li tisma’ lid-debitur jew tara x’ghandu xi jghid fuq il-kaz …**”;

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit li d-dokumenti rikjesti mill-imsemmi Regolamenti tal-Kunsill fuq indikati gew debitament u validamentipprezentati;

Illi stabbilit li si tratta ta’ sentenza dikjarata esegwibbli mit-Tribunal ta’ Modica fuq riferit;

Din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li, wara li gew stabbiliti r-rekwiziti rikjesti mir-Regolamenti fuq riferiti:

1. Tiddikjara li d-decizjonijiet tat-Tribunal ta’ Modica datati l-5 ta’ Frar, 2009, u t-13 ta’ Dicembru, 2010, huma ezegwibbli u enforzabbli fil-gurisdizzjoni Maltija;

2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata Ancams Limited (C – 19060);

3. Illi konsegwenza tal-istess, tordna li d-dikjarazzjoni ta' ezekuzzjoni fuq imsemmija ghandha tigi servuta fuq is-socjeta` ntimata Ancams Limited fuq indikata flimkien ma' l-atti l-ohra relattivi.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------